# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 925/00**

**Numru 30**

**Cutajar Ltd**

**vs**

**John Mallia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm307.50 (tlett mija u sebgha liri maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti ammont lis-socjeta attrici dovut ghall-appliances tal-elettriku lill-konvenut mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra bonarja tas-19 ta' Mejju 2000 tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000, tal-mandat ta' qbid numru 2014/00NB presentat mal-avviz u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tad-29 ta' Settembru 2000 li biha s-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kaz tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward il-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess kovenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-19 ta' Mejju 2000, ta' dik ufficjali tal-21 ta' Gunju 2000 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, numru 2014/00NB, tal-20 ta' Lulju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg